MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Numru 714/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Silvio Valletta**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**ROGER TESTA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ROGER TESTA** ta' sebgha w erbghin sena bin Henry u Connie nee Fenech, imwieled Tas Sliema nhar d-dsatax ta' Lulju 1960 u joqghod 2, 'Big Ben Towers', Triq t-Torri, Imsida, detentur tal-karta tal-identita numru 505460M, gie imressaq quddiemha akkuzat:

1. talli f'Pembroke nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Lulju 2006, fit-tlieta ta' filghodu, ikkommetta serq ta' flus kontanti mill-fond 'Sprachecafe', sitwat fi Triq Almaine,

liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin u li sar ghad-dannu tad-dirigenti tal-istess Sprache Cafre Co., Limited.

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bil-qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan l-fatt jew cirkostanza, jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk din il-persuna tkun tista tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

3. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex juzgura li dan r-reat kien sar;

4. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, halef il-falz quddiem Magistrat jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament, liema gurament kien mehtieg mill-ligi jew ordnat b’sentenza jew b’digriet ta’ wahda mill-qrati ta’ Malta;

5. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-process verbal redatt minn din il-Qorti kif preseduta nhar s-sbatax t’Awissu 2006 (fol 39 et seq tal-atti).

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tletin ta’ Mejju 2007 (fol 88) sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat dawn il-proceduri jitmexxew sommarjament.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta tat-tlieta ta’ Jannar 2008 (fol 94).

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-hmistax ta’ Frar 2008 (fol 101).

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet lill-prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni u li r-res furtiva kollha kemm hi, bl-ghajnuna tal-istess imputat giet ritornata lil sidha legittimu.

Rat u kkunsidrat il-fedina penali ta’ l-imputat esebita f’dawn l-atti a fol 4 minn fejn jirrizulta li apparti zewg kontravenzjonijiet registrata fuqha, ghandu zewg convictions rigwardanti pussess ta’ Cannabis fejn ghal wahda gie kundannat multa ta’ mitt lira maltin u f’ohra kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta’ sitt xhur u dan fis-sena 2000, u dan nonostante l-imputat baqa’ fit-triq tal-kriminalita.

Il-Qorti tikkonsidra li dak li ghamel l-imputat huwa reat ikrah u setgha kellu riperkuzzjonijiet aktar koroh w ghalhekk kien haqqu piena karcerarja pero stante dak verbalizzat mill-prosekuzzjoni, u cioe li l-imputat ikkopera bis-shih maghha w irritorna r-res furtiva lilha, hija sejra tordna s-sospenzjoni  ta’ piena karcerarja.

Ghaldaqstant **il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikoli 261(b)(c)(d)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 268(d), 270, 278, 279, 280, 281, 325, 100, 108, 109, 110(1)(2), 23, 31 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta **tiddikjara li qed ssib lill-imputat ROGER TESTA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal piena ta’ sentejn (2) prigunerija liema perjodu qed jigi sospiz ghal perjodu ta’ erbgha (4) snin ai termini tal-artikolu 28 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex, ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti**

**tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' periti w esperti, il-Qorti tilqa tali talba u tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes kollha nvoluti fil-hatra tal-esperti nominati u cioe tal-Perit Legali Edward Zammit Lewis [fol 51], PS 1147 Antoine Fenech u PS 465 Daniel Abela [fol 73] fl-ammont komplessiv ta'  erbgha mija u wiehed u hamsin Euro [€451] u dan fi zmien xahrejn (2) mill-lum b'dan li jekk l-imputat jonqos li jhallas imqar pagament wiehed, l-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull 11.65 Euro dovuta.**

**Tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifkata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali ghal dan l-ghan.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------